# DAĦLA

Il-preġju artistiku tal-wirja li l-Każin Banda San Filep itella' matul il-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira llum huwa magħruf mal-maltin li sena wara sena jżuruha bi ħġarhom. Il-Kumitat Organizzattiv fi ħdan l-istess każin intebaħ li meta tagħtih xi ħaġa ta' kwalità l-poplu jaf japprezzah u jappoġġaha. Kien għalhekk li ftit wara tmiem il-wirja ta' l-1997 ittieħdet id-deċiżjoni li nużaw il-wisgħa abbundanti li joffrilna l-każin biex inkomplu nkabbru din il-wirja.

Huwa bi pjaċir kbir ta' kull min għandu x'jaqsam u ta' kull min ħadem għal sigħat twal ħafna, li din is-sena qed noffru lill-Maltin bi żjieda ma' li kellna qabel ix-xena tal-KRUĊIFISSJONI, bi statwi kbar xogħol l-istatwarju magħruf ALFRED CAMILLERI CAUCHI - isem li hu garanzija ta' kwalità u ħila artistika.

Waqt il-preparamenti twal laqgħatni kemm dan l-artist jidħol fil-fond mhux biss f'dak li hu dettal artistiku iżda wkoll f'dak li jirrigwardja d-dettal storiku u anatomiku. Mhux ta' b'xejn li l-istatwi tistħajjilhom se jkellmuk. Ix-xenarju, it-tqassim u l-proporzjon, il-posa u l-pożizzjoni ta' kull persunaġġ meħudin kollha flimkien joħolqu realiżmu li jolqtok u jimpressjonak.

Nammira wkoll il-kuraġġ tal-membri tal-Kumitat Organizzattiv għaliex l-ispiża biex tagħmel wirja bħal din hija kbira. Dan joħroġ aktar fid-deher meta tikkunsidra li dan qiegħed isir fl-istess żmien li fih il-każin beda l-preparamenti għal proġett strutturali ambizzjuż li jinkludi l-bini ta' taraġ ġdid maestuż, kċina u toilets ġodda u bitħa nterna.

Għalhekk nasal ngħid li t-tkabbir ta' din il-wirja hu att kbir ta' fidi fil-membri li bl-għajnuna t'Alla u b'ħafna rieda tajba waslu wettqu opra oħra monumentali.

**Philip Balzan**
*Segretarju*

# TANTI

## IRONMONGERY
## &
## HOUSEHOLD GOODS

F. Caruana Dingli Street, Żebbuġ ZBG 04
Tel: 464329

*Visit our stores for all kinds of paints, electrical fittings, water tanks, drainage fittings, stock holds of building material, geysers, power tools, hand tools, glass and key*

**HIRE OF JIGGER & MIXER, GENERATOR, BAYERN & POWERFLOAT**

MALTACOM

COLOUR

# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

***Our range of products include:***
**Showroom Facades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

"Express Building",
Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel: 461078 / 465110
Fax: 465798

# IL-WIRJA TAL-KAŻIN SAN FILEP

Fil-Ġimgħa Mqaddsa l-gżejjer Maltin jingħaqdu mal-Knisja Kattolika fit-tifkira tal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu. Minbarra l-funzjonijiet liturġiċi u l-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir, jitwaqqfu wkoll numru ta' wirjiet ta' l-imwejjed ta' l-Appostli u settijiet tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Kull ma jmur il-livell ta' dawn il-wirjiet qed jogħla, u f'Ħaż-Żebbuġ jinstabu numru ta' mwejjed li għandhom aspett oriġinali u anke uniku f'Malta. Il-wirja li waqqaf il-Każin Banda San Filep fis-sena 1995, hu proprju wieħed minn dawn l-eżempji ewlenin.

Il-wirja bdiet b'ċenaklu kbir li jieħu l-parti l-kbira ta' sala mdaqqsa. Wara bdew jintramaw ġo sala oħra, sett vari żgħar bl-istazzjonijiet tal-Via Crucis u Sepulkru mmudellat fuq dak tal-Kattidral ta' l-Imdina. Din is-sena

*ikompli paġna 7*




Malta's best Opticians for corrective eyewear now offer **20% ~ 50% OFF** on Frames

**Appointments for Eye Examination**
G'Mangia-226020, Fgura-673332, Żebbuġ-465768, Rabat-453213, San Ġwann-377157, Naxxar-431152

**Main Office:**
Gardjola Gate, Mimosa Street, (St Luke's Road), G'Mangia MSD 09

# JIMMY VELLA LTD

(CONTRACTOR)



ROCK CUTTING & EXCAVATION
CATERPILLAR & COMPRESSOR

**FOR HIRE**

***VELLA OFFICE, ALLEY 6,***
***N/S IN MAIN STREET, MOSTA.***
***TEL: 412701  MOB: 099 2079***
***FAX: 433555***

se jsir żvilupp kbir ieħor biż-żjieda tax-xena tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota li se tintrama f'sala ġdida fis-sular ta' fuq. Ta' min jgħid li kemm l-istatwi taċ-ċenaklu u kemm dawk tal-Kruċifissjoni huma *life-size,* imlibbsa bi lbies tad-drapp, bil-parrokki, bl-għajnejn tal-ħġieġ li flimkien mal-ħila ta' l-artist Chev. Alfred Camilleri Cauchi fid-disinn u l-esekuzzjoni tagħhom jagħtuhom aspett tant realistiku, li tistħajjilhom se jkellmuk!

Għal-lum nikkonċentraw fuq iċ-ċenaklu li hu l-post fejn saret l-Aħħar Ċena ta' Ġesù Kristu flimkien ma' l-Appostli, li jinsab fuq l-għolja ta' Sion; f'Ġerusalem. Dan hu l-jum li fih jiġi ssagrifikat il-ħaruf ta' l-Għid. Fil-Kotba Mqaddsa, San Luqa jgħid li Ġesù bagħat lil Pietru u lil Ġwanni biex iħejju għal din l-ikla. Fil-ktieb ta' Esodu nsibu li din it-tradizzjoni Lhudija tmur proprju għal meta l-poplu Lhudi ħarab mill-art ta' l-Eġittu. Il-mejda tal-Każin Banda San Filep hi mħejjija skond l-istil u rit Lhudi. Meta tħares lejn id-dehra tal-kamra fejn dan iċ-ċenaklu hu esebit, mingħajr ma trid l-atmosfera tal-post tiġbrok tieħdok lura għal meta Ġesù Kristu waqqaf l-

*ikompli paġna 9*

**MONDIAL CASA (MALTA) CO. LTD.**

MONDIAL CASA
HOUSEHOLD DISCOUNT MARKET
A.R.N. HOLDINGS




Three Churches Street,
Balzan, Malta
Tel: (+356) 447672/3
Fax: (+356) 447689

Old Theatre Street,
Valletta, Malta
Tel: 240148

Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo
Tel: 552913

Ewkaristija. Il-figura ta' Ġesù hi ċ-ċentru ta' din il-ġemgħa u Hu mdawwar bit-tnax-il Appostlu miġbura madwar mejda baxxa u tawwalija li għandha għamla ta' nagħla. Il-figuri huma mistrieħa fuq irkubbtejhom, u d-dawl baxx tal-menorah u l-imsiebaħ inemnmu jkomplu jsebbħu s-solennità tal-ġrajja mfakkra. L-espressjonijiet ta' l-uċuh ta' l-appostli, il-qagħda ta' l-istatwi mlibbsa u l-personalità qawwija li tixhed f'ħarset Ġesù, iġġiegħlek tifhem b'mod realistiku dak kollu li ġara u tirrakkonta l-Bibbja. Il-mejda hi armata b'dak kollu li hu neċessarju u nsibu l-ħaruf mixwi, il-ħobż ażżmu f'għamla ta' ftajjar, ċikwejra msajra ma' tin u tadam imqadded, il-koreseth (speċi ta' zalza), tamal, rummien, bajda u lembija ta' l-inbid u ġarra ta' l-ilma. Qrib il-mejda hemm it-Torah, il-ktieb tal-liġi li jirrakkonta l-ħarba tal-Lhud mill-Eġittu.

Is-Simboliżmu ta' kull oġġett fuq il-mejda u madwarha, hu sinonimu ma' dan l-avveniment li kien mexxa Mosè. Iżda mhux biss, Kristu. Hu l-ħaruf ta' l-Għid, u dan ġeddu permezz tat-tqassim tal-ħobż u l-inbid lill-appostli f'din l-aħħar ikla Tiegħu. Dan kollu nsibuh u nifhmuh f'dan iċ-ċenaklu. ■

rendezvous

JOLLY
COMPONIBILI
2

**FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALLUNITS - SETEES**
**FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS**

Mdina Road, Żebbuġ - Malta
**Tel/Fax: +356 466154**

# *Kelmtejn tal-Kumitat Organizzattiv*

Jekk wieħed iterraq ġewwa l-Belt Valletta, jew imur idur ġewwa bliet u rħula oħra, jiltaqa' ma' ħafna wirt artistiku mħolli lilna minn talent Żebbuġi. Qegħdin nirreferu għal bosta kwadri ta' pittura, skultura u monumenti. L-istorja li għaddew minnha dawn il-gżejjer hi wirt ukoll li bosta minnu ssawwar minn ħajjet Żebbuġin.

Iżjed minn hekk f'Belt twelidna, jekk nibdew mill-Parroċċa u nkomplu f'postijiet oħra, ħafna mill-kwalitajiet tal-wirt artistiku tagħna iktar jinħassu. Fil-Każin San Filep writna kwantità ta' wirt artistiku mużikali mill-aqwa li s-Soċjetà Mużikali tagħna tul ħajja hekk twila stagħniet bih.

Maż-żmien mal-mużika pprovduta b'sengħa artistika mill-aqwa mill-Banda San Filep fi ħdan is-Soċjetà ddaħħlu attivitajiet oħra. Il-kumitati tal-Każin dejjem kellhom f'moħħhom li jorganizzaw kemm jista' jkun attivitajiet kulturali biex il-Każin ma jibqax biss il-post fejn l-irġiel jiltaqgħu u jixorbu xi flixkun birra.

Illum qegħdin inħarsu lejn il-Wirjiet Artistiċi ta' Sett Vari, taċ-Ċenaklu u wirja oħra ġdida tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota li bħalha m'hawnx la ġor-raħal tagħna u lanqas ġol-bqija ta' Malta. Din hi wirja li ħadd m'għandu jonqos li jara. Iktar mill-arti nixtiequ naraw din il-wirja minn lenti ta' devozzjoni lejn il-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

Dan hu mpenn qawwi mis-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep. Din il-wirja qegħdin nippreżentawhilkom b'mod artistiku biex il-messaġġ tal-Ġimgħa l-Kbira jkun jista' jasal u jiftiehem aħjar. J'Alla li kull min iżur il-Każin San Filep u jara din il-wirja, jieħu miegħu lura xi tagħlima.

Nirringrazzjaw lil kull min qiegħed jgħin lis-Soċjetà Mużikali tagħna biex tittella' din il-wirja hekk artistika. Nirringrazzjaw ukoll lil kull min għoġbu jżur il-Każin biex jara din il-wirja.

**Is-SOĊJETÀ MUŻIKALI KAŻIN BANDA SAN FILEP** A.D. 1851
**tixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.**

TOYOTA
SUPPLIED

# IT-TQASSIM TAL-WIRJA GRANDJUŻA TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

## FIL-KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D. 1851

### Sala 1: IĊ-ĊENAKLU

Rappreżentat b'sett ta' tlettax-il statwa kbira *(life size)* u artistika, xogħol l-istatwarju magħruf ALFRED CAMILLERI CAUCHI flimkien mal-kontribut mhux żgħir ta' bosta membri tal-każin. Ta' min jgħid li l-ikel li jidher fuq il-mejda quddiem l-appostli jkun imsajjar frisk kull sena skond riċetti Lhud.

### Sala 2: IL-VIA CRUCIS

Sett ta' vari żgħar tas-Sur Joe Sammut, li juru l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù kif aħna mdorrijin narawhom fil-knisja u fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-sett jinkludi Sepulkru mmudellat fuq dak ta' l-Imdina, kif ukoll Via Sagra, bandalori u ornamenti oħra li fiċ-ċokon tagħhom iġegħluk tiggustahom.

### Sala 3: KRUĊIFISSJONI

Xogħol ġdid grandjuż ta' ALFRED CAMILLERI CAUCHI li ħoloq ix-xena tal-GOLGOTA fuq skala kbira u realistika li żgur tagħmel din il-wirja unika f'Malta. Fiha ħdax-il persunaġġ minbarra t-tlett islaleb kbar u xenarju spettakulari.

*Il-parti l-kbira tax-xogħol sar minn membri bieżla u ġenerużi tal-każin li taħt id-direzzjoni ta' l-artist Alfred Camilleri Cauchi għamlu monument ieħor li jixhed il-ħila tagħhom.*

# ŻEBBUĠ VIDEO RENTALS

*40, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Tel: 468835*

# DISNEY HOME VIDEO

*Pjazza 7 ta' Ġunju, Ħamrun Tel: 234951*

*Il-ħanut ideali għall-Films*
*Oriġinali u New Releases*

• Radios • Stereos • Video Rec. • T.V. • Micro-Genius
• Toys • Cards • Videos Stereo • Home Cinema Surround

**Nagħmlu photocopies tal-kulur**



# SEBIO'S

## PHOTO STUDIO

*A wide selection of photo albums and cameras*
Photographic goods, developing and printing of all kinds of films

**SAME DAY SERVICE**

**PHOTO AND VIDEO TAKEN ON ALL OCCASIONS**

**Sciortino Street, Żebbuġ**
**Tel: 466076**

# ALFRED CAMILLERI CAUCHI

## L-iskultur tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851

ALFRED twieled ir-Rabat Għawdex fl-24 ta' Jannar 1943, it-tielet wild ta' Wistin Camilleri u Franġiska Cauchi. L-imħabba għall-arti għandha għeruq twal u sodi fil-familja ta' Alfred. Missieru kien statwarju magħruf li studja u ħadem ma' Antonio Sciortino u ma' Karlu Darmanin. Tiegħu, ġo Ħaż-Żebbuġ, għandna kompożizzjoni ta' statwi "San Filep Jikkonsagra". Bużnannuh min-naħa ta' missieru kien l-iskultur Marianu Gerada taż-Żejtun. It-tliet ħutu subien ukoll għamlu isem fl-arti: Pawlu bħala pittur, Michael statwarju u Mario induratur. Alfred huwa pittur u skultur.

Minbarra t-taħriġ li ma jistax jonqos li kellu fil-familja, Alfred studja l-arti fl-iskola ta' l-arti fil-Belt Valletta u kompla f'Edinburgh, l-Iskozja, fl-1960-61, fejn intbagħat bi *scholarship* minn Lady Laycock, mart il-gvernatur Ingliż. Aktar tard, fl-1966/67 studja wkoll f'Ruma l-Italja, f'La Scuola Delle Belle Arti.

L-opri artistiċi ta' Alfred Camilleri Cauchi huma bosta u varjati u jinstbabu f'kemm il-pajjiż. F'Għawdex għandu l-Via Crucis - statwi kbar ta' l-irħam quddiem Ta' Pinu; statwi kbar tal-bronż ta' persunaġġi famużi bħal Ninu Cremona, Karmena Grima, Anton Muscat Azzopardi, Franġisk de Soldanis, Pietru Pawl Sajdon fost oħrajn. Huwa ħadem fil-ġebel statwa kbira ta' Calypso li qiegħda l-Libja. L-istatwa tal-Papa Ġwanni Pawlu II li tniżżlet taħt il-baħar ħdejn il-Gżejjer ta' San Pawl fl-1990 hija wkoll xogħlu. Ta' min jgħid li l-abbozz ta' din l-istatwa huwa kien irregala lill-istess Papa u llum qiegħda fil-mużew tal-Vatikan. Fil-Kanada huwa għandu Kurċifiss kbira ta' 12-il pied (kważi 4 metri), statwi kbar tal-Madonna tar-Rużarju u ta' Santa Klara.

*ikompli paġna 17*



MALLIA BROS. LTD

TA' MARIROS

- QOMOS
- T-SHIRTS
- ŻRABEN
- SAQQIJIET

- SHORTS
- JEANS
- SANDALS
- ILBIESI

**34, ST ANTHONY STREET**
**ŻEBBUĠ. TEL: 467464**

NOEL ATTARD

Gold & Silver Smith

***Specialist in Casting work***
***& Engraving***

108, East Street, Valletta
Tel: 239464

Alfred kien l-ewwel artist li għamel xogħol tal-kartapesta għal barra minn Malta: f'nors is-sittinijiet huwa bagħat l-Awstralja vari tal-Ġimgħa l-Kbira bħal dawk li mdorrijin bihom hawn Malta. Wara bagħat ukoll statwi titulari li talbuh jaħdmilhom emigranti Maltin u Għawdxin. Skond Alfred il-kartapesta mhix magħrufa barra minn Malta ħlief fl-Italja fejn iżda jużaw taħlita differenti - inqas irfinuta u inqas b'saħħitha minn tagħna.

Il-biċċa l-kbira tal-knejjes Maltin u Għawdxin għandhom opri tiegħu: ġo Ħaż-Żebbuġ ħadem il-perspettiva ta' l-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

Ta' 24 sena l-ħila artistika tiegħu ġiet rikonoxxuta bl-għoti ta' l-unur ta' Kavallier - dan ġara ftit wara x-xogħol ta' statwi ta' l-irħam għal Ta' Pinu. Huwa rebaħ medalja f'konkors mondjali li għalih huwa bagħat statwetta ta' Dante Alighieri. Minkejja dawn l-unuri kollha, Alfred huwa bniedem li faċli tindijes miegħu għax mhux imkabbar. Aktar iħossu ferħan bil-kavallett ta' Antoinio Sciortino li kien ingħata lil missieru u issa jinsab għandu. Iħossu kburi li rnexxielu joħloq stil oriġinali fl-istatwi tiegħu meta

*ikompli paġna 19*

Alfred Camilleri Cauchi jaħdem fuq l-istatwi taċ-Ċenaklu tal-Każin Banda San Filep



**KINGBABY**

*Baby wear, Underwear,*
*Stationery, Photocopy,*
*Haberdashery, etc.*

1/2 Grace Street, Żebbuġ ZBG 04 Tel/Fax: 468819

**Refined Aluminium**

***Għal kull xogħol ta' Aluminium bi prezzijiet tajbin***

*Irrikorru:*
**MARIO BONNICI**
Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 465170 - 099 7740

ma baqax marbut ma' l-istil antik riġidu u formali iżda beda jagħmilhom movimentati u allura aktar ħajjin. Inqata' mit-tradizzjoni wkoll meta kien l-ewwel wieħed li l-anġli beda jlibbishom biss mantell minflok libsa u mantell, kif ukoll għamel ir-Redentur liebes l-abjad u mgħobbi zokk, u l-marbut b'idejh marbutin fl-għoli. Wiċċ Alfred jixgħel bil-hena wkoll meta jitkellem fuq ideat li hu kien ħareġ bihom snin twal ilu u waqt li dak inhar irmewhomlu llum qed jitwettqu. Insemmu biss ftit: kunsilli lokali; funtani fir-*roundabouts*; it-toroq tal-Belt Valletta iċċangjati. ■

***Tagħrif mogħti minn Alfred Camilleri Cauchi nnifsu lil Philip Balzan nhar is-Sibt 7 ta' Marzu 1998 waqt li kien għaddej bix-xogħol ġdid ta' l-istatwi għall-wirja tal-Golgota.***

**KING CONFECTIONERY LTD**

Caterers for all functions--

Mdina Road, Żebbuġ Malta

Tel/Fax: 460523

lanier

Il-Ministru Dr John Attard Montalto, il-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale u l-mistednin distinti waqt il-programm tal-ftuħ tal-Wirja ta' l-1997

Grupp mis-Sezzjoni Nisa tal-Każin San Filep iħitu l-ħwejjeġ għall-Appostli taċ-Ċenaklu.

# PROGRAMM

## ta' l-Inawgurazzjoni
## tal-Wirja Spettakulari tal-Kruċifissjoni
## u Ftuħ tal-Wirja taċ-Ċenaklu
## fil-Każin Banda San Filep A.D. 1851
## nhar l-Erbgħa 1 ta' April 1998 fis-18.00

Programm mill-
**Banda taż-Żgħażagħ tal-Każin San Filep**

Diskors ta' l-okkażjoni mill-President tal-Każin
**l-Onor. Ministru Dr John Attard Montalto**
**B.A.(Hons.), LL.D., M.P.**

Ftuħ uffiċjali tal-Wirja mill-Ambaxxatur Franċiż
**Monsieur Patrick Amiot**

It-tberik isir mill-W.R. Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ
**Dun Charles Attard**

Jippreżenta l-Programm
**is-Sur Joseph Schembri**

### ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAL-WIRJA MIT-2 SAL-11 TA' APRIL 1998

| | | |
|---|---|---|
| Mill-Ħamis 2 sa l-Erbgħa | 8 ta' April | 09.00 - 12.00 u 17.30 - 22.00 |
| Ħamis ix-Xirka | 9 ta' April | 09.00 - 12.00 u 17.30 - 22.30 |
| Il-Ġimgħa l-Kbira | 10 ta' April | 08.30 - 22.00 |
| Sibt il-Għid | 11 ta' April | 09.00 - 12.00 |

# PROGRAMM

## VOKALI U STRUMENTALI
## MILL-BANDA SAN FILEP A.D. 1851
## fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-
## WIRJA TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA
## nhar l-1 ta' April 1998 fis-18.00

| | | |
|---|---|---|
| Aria | **AVE MARIA** | Bach-Gounod |
| Death March | **FAUL ORATORIO** | Ketelby |
| Motett | **AVE VERUM** | Mozart |
| Marċ Funebri | **LUGETE VENERES** | P. Benetti |
| | *F'din is-silta, jidderieġi l-banda l-Ass. Surmast Joe Gatt* | |
| Preghiera | **LA VERGINE DEGLI ANGELI** | G. Verdi |
| | *minn La Forza del Destino* | |
| Intermezzo | **BELL ACROSS THE MEADOWS** | Ketelby |

Surmast Direttur: **Mro Michael Ciantar**

Assistent Surmast: **Joe Gatt**

Jieħu sehem il-kor tas-Soċjetà:
**"Philippus"**
immexxi minn **John Ciantar**

***Nhar il-Ħadd 12 ta' April 1998***
***il-Banda San Filep takkumpanja l-Purċissjoni***
***ta' l-Irxoxt li toħroġ mill-Parroċċa***
***b'daqq ta' marċi brijużi***

Fit-8 ta' Marzu 1998

**IL-BANDA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**TAL-KAŻIN BANDA SAN FILEP** A.D. 1851

re©g˙et ˙adet sehem b'suççess fil-

**FESTIVAL TAL-MUŻIĊISTI ŻGĦAŻAGĦ**

organizzat fuq baΩi nazzjonali mill-

**GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA**

*fejn daqqet dawn is-siltiet:*

| | | |
|---|---|---|
| Song | **GIVE MY REGARDS TO BROADWAY** | G.M. Cohen |
| Title Song | **IL PADRINO** | Nino Rota |
| Aria | **AVE VERUM** | Mozart |
| Theme | **ROMEO E GIUGLETTA** | Nino Rota |
| Theme | **CONQUEST OF PARADISE** | Vangelis |
| Març | **STARS & STRIPES FOR EVER** | J.P. Sousa |

Il-Banda ingħatat Plakka mill-Għaqda tal-Każini tal-Banda b'kommemorazzjoni tas-sehem tagħha f'dan il-Konkors.

Il-Banda taż-Żgħażagħ u l-Kor tal-Każin San Filep waqt il-Programm tal-Ftuħ tal-Wirja ta' l-1997

## Cassette ta' Marċi, li jinsab għall-bejgħ mill-Każin, li l-Banda San Filep se ddoqq quddiem il-Vara l-Kbira fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

| VOL I | | VOL II | |
|---|---|---|---|
| Maestro Ricordo | Angelo Melilli | A Mie Cari Genitori | A. Calleja |
| Il Cipresso | Angelo Milelli | Mesto Ricordo | P. Giannini |
| Venerdi Santo | Micallef | A Mio Padre | Rossi |
| Aria | F. Chopin | A Diletto Padre Mio | Ph. Attard |
| Aria | L.V. Beethoven | Riposo Eterno | M. Ciantar |
| Mater Dolorosa | Hendrin | Mesto Ricordo | A. Melilli |
| Omm Imnikkta | Imelda Tanti | Cordoglio | A. Meruzzi |
| In Memory of Rev. L. Callus | Michael Ciantar | Il Cipresso | A. Melilli |
| A Mia Figlia | Bartolucci | He is No More | K. Coleiro |
| | Mro M. Ciantar | A Mio Figlio | Bartolucci |
| | | | Mro M. Ciantar |

# DALLAS BAR

**Il-Ħadd iservi appetizers**

**Blacktail Street, San Pawl**

# ONYX

***Jewellers***

**232, Żabbar Road, Paola**
**Tel: 673286**

# JADE

**Jewellers**
**Main Street, Żebbuġ**
**Tel: 463833**

Gold - Silver - Diamond Rings
Silverware

# IL-FJURETTI LI JDAWRU L-VARI TAL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Il-Purċissjoni bil-Vari tal-Passjoni ta' Ġesù Kristu f'Ħaż-Żebbuġ, li toħroġ kull nhar il-Ġimgħa l-Kbira mill-Parroċċa Arċipretali ta' San Filep għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija għandha għeruq ta' snin twal f'beltna.

Minn żmien għall-ieħor xi wħud minn dawn il-figuri ġew mibdula. Inħadmu statwi ġodda u artistiki li komplew sebbħu s-sett tal-vari. Dawn l-istatwi, flimkien ma' l-għadd kbir ta' persunaġġi u suldati li jiffurmaw din il-purċissjoni llum, jagħmluha kull sena attrazzjoni Bibblika ħajja. Esekuzzjoni mill-aqwa ta' purċissjoni fost il-ħafna li jsiru f'dawn il-Gżejjer. M'għandniex biss inħarsu lejha bħala xi ħaġa teatrali li tkun qiegħda ssir qudiemna iżda tifkira li ġġegħilna naħsbu fil-ġrajja unika li ġrat tassew ġewwa l-Art Imqaddsa.

Il-poplu Żebbuġi ma' dawn il-vari u l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, rabat ukoll tradizzjonijiet u devozzjonijiet u fost il-kotra ta' użanzi nsibu l-fjuretti li bihom jintramaw dawn il-vari.

Nibdew biex ngħidu li missirijietna kienu jħarsu lejn dawn il-bukketti bħala xi ħaġa ta' devozzjoni għax idawru l-figuri ta' Ġesù, il-Madonna, l-appostli u personaġġi qaddisin oħra. Fihom infushom dawn il-bukketti huma ħelwin u jsebbħu ħafna l-vari. Barra minn hekk jiġu maħduma b'sengħa u b'paċenzja kbira. Dan l-arranġament tal-fjuri għall-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kif isir f'raħal twelidna ma tarah imkien ieħor. Hu xi ħaġa tradizzjonali li ssibha f'Ħaż-Żebbuġ biss. Hu wirt artistiku żgħir imħolli lilna mill-antenati tagħna fosthom għadd ta' membri, li llum m'għadhomx magħna, tas-Soċjetà Mużikali tagħna l-Każin Banda San Filep li kienu tassew devoti lejn dawn il-jiem għeżież.

*ikompli paġna 29*

# LUCIANO SCIBERRAS

**Agent for Farsons**

**Wines & Spirits**

F. Farrugia Street,
Żebbuġ

Tel: 466624 Phone a.m.
460432 Phone p.m.

# SPARKLE

## FASHIONS BOUTIQUE

**LADIES/GENTS/CHILDREN'S WEAR**

**Also available Morning/Evening Suits & Hats for Hire**

Triq il-Qaliet, Marsaskala
Tel: 632407

Dawn il-fjuretti jiġu armati f'vażetti tar-ram ibbanjat u biex tinżamm armonija f'dan l-armar bejn il-bukketti tintrama xemgħa, sintendi llum dawn ix-xemgħat ġew irranġati jinxtegħlu bil-batterija, hekk jibqgħu jixegħlu tul triq il-purċissjoni.

Ma' dawn il-fjuretti kien hemm tradizzjoni marbuta, li nhar Sibt il-Għid filgħodu x'ħin kienet iddoqq il-Glorja (it-Tħabbira tal-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt) dawk il-ġenituri li kienu jkunu akkwistaw xi ftit fjuri mill-bukketti kienu jitfgħu dawn il-fjuri u l-weraq ġo fliskatur bi ftit ilma u mad-daqq tal-qniepen kienu jbaħbħu wiċċ it-tfal tagħhom bih b'fidi soda li lit-tfal tagħhom inaddafhom minn kull mard.

Immedjatament it-tfal imfarfrin b'wiċċhom imxarrab kienu joħorġu jiġru mid-djar tagħhom iduru minn triq għal oħra fejn ikunu joqogħdu. Hekk sakemm kienet iddum iddoqq il-Glorja wieħed kien jilmaħ ħafna tfal Żebbuġin jiġġerrew mar-raħal tagħna. Din it-tradizzjoni spiċċat għal kollox.

Illum numru ta' familji Żebbuġin għadhom iżommu fjuretti minn sena għall-oħra bħala devozzjoni.

*Dilettant tal-Ġimgħa l-Kbira*

# FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals,
sport shoes minn ditti renomati, basktijiet ta'
l-iskola, handbags u kartieri

***Sciortino Street, Żebbuġ***

# FOOTWEAR

***Tel: 465915***

St Philip's Bar & Restaurant

# Pizzeria

*We also do pizza for delivery service*

**Sciortino Street, Żebbuġ**
**Tel: 466472**

# KRISTU - Fil-Misteru tal-Passjoni sa fuq is-Salib u l-Qawmien Tieghu mill-Mewt

*minn Philip Agius*

Il-Kotba Mqaddsa jikkonfermaw li Sidna Ġesù Kristu għax ried hu, kellu jgħaddi mill-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib bħala bniedem, u wara jirxoxta rebbieħ bħala Alla fuq il-mewt bilfors. Dan kien imwiegħed minn Alla fl-ibgħad żminijiet lill-bniedem, meta dan l-istess bniedem daħal fil-ħajja tat-tbatija u l-mewt permezz ta' l-iżball kbir tiegħu.

Imħabba bħal din qatt ma dehret, ħlas kbir li bih il-bniedem kiseb il-ħelsien mill-ġdid.

Il-ħajja ġewwa l-Lhudija fi żmien Kristu kompliet għenet biex il-Misteru tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù jiġi mwettaq kif sejrin naraw.

*ikompli paġna 33*

**BRIAN'S TYRE SERVICE LTD**

*For all kinds of Tyres,*
*Alloy Wheels & Batteries*

**Towing Service Available**

*Don't Forget*
**Brian's Tyre Service Ltd**
**Mdina Road, Żebbuġ ZBG 05**
**Tel: 461067  Mobile: 099 8336**

# Body Care

**Josephine Azzopardi I.B.Th**
89, Mula Road, Żebbuġ
Tel: 466895/461499 Mobile: 097 8661

**The Latest Technology Machine Next to Surgery:**

- Bust Lifting
- Cellulite Treatment
- Water Retention
- Relaxation Treatment
- Face Lifting
- Acne
- Waxing
- Eyebrow Shaping
- Pedicure
- Manicure
- Make-up
- Facials
- CRYO and Thermotherapy
- Painless Epilation

Also Head-Dresses, Bouquets and
Souvenirs for Weddings and
Holy Communion

# Pace Fire Prevention

**SUPPLY, INSTALLATION & SERVICE
OF FIRE FIGHTING
& FIRE DETECTION EQUIPMENT**

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 444924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

Madwar mitejn sena qabel iż-żmien ta' Kristu, użanzi u kulturi ġodda ma' stili ta' ħajja bdew jinfiltraw fost il-Lhud mill-ibliet Griegi li huma kienu qegħdin isibu ruħhom imdawrin bihom.

F'ċirkustanzi bħal dawn, numru ta' Lhud prattikanti, ingħaqdu bejniethom bil-ħsieb li jeħilsu 'l pajjiżhom mill-ħażen tal-paganiżmu. Hekk ġie ffurmat partit reliġjuż pur li kien jisħaq li l-poplu kellu jżomm 'il bogħod minn dak kollu li mhux Lhudi. Minħabba f'hekk il-mexxejja ta' dan il-partit bdew jissejħu Fariżej (kelma li tfisser iżommu ruħhom maqtugħin minn oħrajn). Maż-żmien din il-kelma ġiet aċċettata minn dawn il-mexxejja nfushom u hekk sar il-proprju isem tagħhom.

Dawn il-Fariżej kienu jinsistu li l-liġi ta' Mosè għandha titwettaq strettament. Fost din il-kotra ta' nies kien hemm numru li ntefgħu b'ruħhom u ġisimhom biex jistudjaw il-liġi, jikkupjaw u jippriservaw il-Kotba Mqaddsa. Huma kienu jissejħu l-Iskribi. Dawn saru l-mexxejja tal-Fariżej. Fil-bidu tat-twaqqif ta' dan il-partit reliġjuż, il-Fariżej kienu persuni ta' stima u rispett mill-poplu, li kien qiegħed jara fihom is-

*ikompli paġna 35*

**BARGAIN WORLD**

**Ħanut ġdid fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ**

*Issibu pjanti, pots, fjuri artifiċjali, household, ceramics, gifts, toys, underwear u ħafna affarijiet oħra.*

**EJJEW u FFRANKAW!**

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel,*
*& General*
*Building Material*
*Stockholders*

**Żebbug Road, Attard - Malta**
**Tel: 418029**

salvazzjoni tal-fidi tagħhom. Huma kienu meqjusa bħala mudell, u meta kienu jinqalgħu xi diffikultajiet ta' twemmin jew argumenti fost in-nies kienu jkunu dawn il-Fariżej li b'interventi f'waqthom kienu jsolvu kollox. B'dak li kien qiegħed iseħħ huma kienu ħolqu bosta regoli biex isiru bħala gwida għall-poplu.

Iżda bħalma jiġri kważi dejjem, matul is-snin is-suppervja għolliet rasha u dawn il-Fariżej bdew jidhru fost il-poplu bħala l-klassi l-għolja. Fi żmien Kristu jidher li kienu fl-agħar żminijiet tagħhom. F'ħafna ċirkustanzi taħt it-tmexxija tagħhom bdew jinħolqu liġijiet ibbażati fuq il-passjoni. Ir-reliġjon kien sar biss dak li jidher minn barra. Il-muntanja ta' liġijiet li l-Fariżej kienu ħolqu, kienu saru piż żejjed li beda jgħaffeġ il-poplu tant li beda jara l-Kotba Mqaddsa bħala xkiel. Lil Alla kienu pinġewh mhux bħala Missier li jħobb u jħen, iżda bħala mħallef tagħhom fejn qiegħed jgħasses biex jara li l-liġijiet jiġu obduti. Barra minn hekk ħafna mill-Fariżej kien moħħhom biex jikkritikaw ħalli jirbħu l-opinjoni t-tajba ta'l-oħrajn.

Mal-Fariżej kellek imbagħad grupp ieħor imsejjaħ is-Saduċej. Din l-għaqda kienet iżgħar fin-numru, iżda moħħhom jilħqilhom. Huma kellhom ħafna partitarji fost il-qassisin il-kbar, iżda fl-istess ħin kienu kontra l-Fariżej. Huma kienu aristokratiċi u sinjuri, filwaqt li l-partitarji tal-Fariżej kienu ġejjin mill-fqar u l-klassi tal-ħaddiema.

Mal-Fariżej u s-Saduċej nistgħu nżidu l-Profeti li minn bosta snin qabel it-twelid ta' Ġesù kienu ħabbru li Alla kien sejjer jibgħatilhom 'Ħellies Kbir lill-Poplu Tiegħu'. Huma kienu ddeskrivew lil din il-persuna bħala - 'Re', 'Profeta', 'Salvatur', 'Qaddej ta' Alla'jew 'Iben Alla'. Huma kienu qalu li Hu kellu jsalva lill-poplu tiegħu mill-għedewwa tagħhom, speċjalment minn dawk l-għedewwa spiritwali. Huma kienu ddikjaraw ukoll li Hu kellu jwaqqaf renju bbażat fuq it-tjubija u l-ġustizzja.

Meta mbagħad wasal Iżaija, dan il-profeta kbir kien iktar preċiż fit-taħbira tiegħu, fejn kien qal ukoll li s-Salvatur kellu jbati u jmut għall-poplu tiegħu u permezz t'hekk iwaqqaf ir-renju tiegħu.

*ikompli paġna 37*

Secucare
INSURANCE & TRAVEL

# Secucare

INSURANCE & TRAVEL

*For your Security and Care*

- Motor Vehicle Insurance
- Life & Family Insurance
- Domestic House & Contents Insurance
- Marine Hull & Cargo Insurance
- Travel Insurance
- Industrial & Commercial Insurances
- Construction Insurance
- Liability Insurance
- Air & Sea Fares
- Weekend Breaks
- Tours
- Honeymoons
- Business Travel

*Head Office:*
82 Psaila Street, Birkirkara BKR 02 Malta.
Tel/Fax: (356) 447096

*Branch Office:*
46 Gate Avenue, Żebbuġ ZBG 03.
Tel: (+356) 461136

Allura f'dak iż-żmien ta' Kristu kellek lil dawk il-Lhud li kienu prattikanti tal-Kotba Mqaddsa u x'qalu l-Profeti kollha u mbagħad kellek oħrajn, numru kbir fost il-poplu li ma kienx midħla daqshekk ta' l-Iskrittura u l-Profeti. Huma kienu taw attenzjoni lill-Profeti tal-bidu li kienu tkellmu dwar il-ħelsien mill-għedewwa u t-twaqqif ta' Saltna Ġdida, u ftit li xejn importanza lil dawk il-Profeti li ħabbru dwar it-Tbatija u l-Mewt tas-Salvatur.

Mela meta nibdew niġbru kollox insibu li l-poplu Lhudi kien imdejjaq maħkum. Kien għatxan biex jirbaħ id-dinja u jagħmel lin-nazzjonijiet kollha ubbidjenti għal-liġi ta' Mosè. Dwar il-Messija, f'moħħhom kellhom li kellu jkun bħala Ġeneral kbir u qawwi, imżejjen b'qawwa mirakoluża li jeqred l-għedewwa tagħhom. Allura huma ġew ixxukjati meta semgħu lil Ġesù jitkellem dwar it-tbatija u l-mewt tiegħu.

Min-naħa l-oħra, il-'Ħajja ta' Ġesù u t-Twemmin Tiegħu' kienu direttament il-kuntrarju ta' l-affarijiet li l-Fariżej kienu jxandru. Għal din ir-raġuni l-Fariżej kienu l-għedewwa ewlenin tiegħu. Huma kienu sodisfatti biss billi joqtluh u hekk jeħilsu minnu.

Is-Saduċej, l-ikbar differenza li kellhom mal-Fariżej kienet dik reliġjuża. Is-Saduċej ma kinux jaqblu mal-Fariżej għax huma ma kinux jemmnu fil-qawmien tal-ġisem u fl-eżistenza ta' l-Anġli u l-Ispirti, u kienu inqas osservanti tal-liġi. Huma ma kinux qegħdin jistennew xi Messija. Għalihom kienu sodisfatti bl-affarijiet kif kienu. Ix-xewqa tagħhom kienet li ma jinbidel xejn. Allura kienu bdew iħarsu lejn Ġesù bħala l-għadu tagħhom. Għaldaqstant is-Saduċej ingħaqdu mal-Fariżej fil-konflott biex Ġesù jiġi maqtul.

Fi ftit kliem issa nistgħu nifhmu aħjar kif il-poplu Lhudi ġie mxewwex minn żewġ gruppi daqshekk influwenti għalih, jagħmel dik il-kefrija kollha fuq Ġesù Kristu li wasslitu sal-mewt fuq is-Salib, saħansitra wara li għal tliet snin sħaħ kien ra daqshekk ġid jitwettaq minn għandu.

Il-ħajja ġewwa l-Lhudija fi żmien Kristu għenet sewwa fis-salvazzjoni tal-bniedem. ■

maresco
supplied

# Tagħrif fil-Qosor dwar il-Vari fil-Wirja

Forsi ftit jirrealizzaw kemm trid xogħol u spejjeż biex mix-xejn tgħaqqad wirja ta' vari ta' din il-kwalità. Biżżejjed ngħidu li s-sett tal-vari jiġi jiswa aktar minn Lm3,000. It-tiżjin imbagħad jitlob sigħat twal ta' dedikazzjoni u paċenzja, attenzjoni għad-dettal kif ukoll ħila u sens artistiku.

Hemm bosta affarijiet li jaqilgħu lil din il-wirja u jiddistingwuha minn oħrajn. Fosthom ninnutaw li s-sepulkru (maħdum fl-injam mis-Sur J. Sammut stess) huwa kopja ta' dak li hemm fil-kattidral ta' l-Imdina. Naraw ukoll mudell ta' l-Arka tal-Patt li fiha kienu jinżammu t-twavel tal-kmandamenti. Is-sett ta' vari muri f'din il-wirja fih ħmistax-il biċċa li huma, is-Sepulkru, Ġesù jitlob fl-Ort tal-Ġetsemani, it-tradiment ta' Ġuda, iċ-ċaħda ta' Pietru, il-flaġellazzjoni, l-Ecce Homo, Ġesù jiltaqa' mal-Madonna fi triqtu lejn il-Golgota, ir-Redentur, il-Veronika, Ġesù mneżża' minn ħwejġu, il-vara l-Kbira, id-Duluri, il-Monument u Kristu Rxoxt.

Minbarra l-vari nsibu wkoll għadd ta' persunaġġi mill-Bibbja u bandalori żgħar bħal dawk li naraw fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Din is-sena se jkun hemm għall-ewwel darba sett tal-Via Sagra komplut bid-dawl.

Min iżur din il-wirja jista' japprezza b'liema kura u ħila s-Sur Joe Sammut jieħu ħsieb dawn il-vari. Ta' min jgħid li dan hu t-tieni sett li kellu s-Sur Sammut mindu beda jarma wirjiet bħal din sittax-il sena ilu. Minn sena għall-oħra huwa jħobb iżid jew jibdel xi affarijiet biex dejjem isebbaħha. L-induratura tal-monument u ż-żebgħa mill-ġdid ta' l-istatwi huma l-aktar xogħlijiet riċenti li saru.

M'għandix dubju li min iżur din il-wirja se jkollu x'jara u forsi anke x'jitgħallem.

***P. Balzan***

**BONTEX LTD** *Importers of Textile Goods*

RETAIL:
**260, MAIN STREET ŻEBBUĠ - TEL: 461103**

**BIBAS** ***Modern & Exclusive Textiles***

**HOMPESCH ROAD, FGURA**
**TEL: 691269, 491572**

(Prop. C. Bonnici)



SUNNY GATT

*Għal tqegħid ta' madum taċ-ċeramika ta' l-art u tal-ħajt, madum tas-'cement' u turġien bil-madum taċ-ċeramika*

"Vicsun House"
St Roque Street
Żebbuġ

Tel: 467753
Mob: 097 0180



Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2
Plot 17, N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 466615

# MAYFAIR HALL

Każin tal-Banda San Filep,
Ħaż-Żebbuġ

*Għal kull okkażjoni privata tiegħek, bħal:*
*Magħmudija, Preċett, Grizma, eċċ*

**PREZZIJIET MODERATI**

**Tel: 463003**



To the Discerning customer:
for all your Bread requirements, you are invited to visit

***THE DANISH BREADSHOP***

The variety ranges from fancy bread to unsalted diet bread, brown to rye bread; hamburger buns to sweet loaves…and Danish pastries, of course!

**Mon. & Thurs:** salt free, fat free - diet bread
**Tues:** wholemeal bread
**Wed:** maize bread
**Fri:** fruited loaves
**Dailies:** rye bread, bran rolls & bread, french bread & baguettes

*Bent Matusiak*
*Professional Baker and Confectioner*



at Ganni Bonnici Street, Żebbuġ
(c/w Toyota Showroom)
Tel No. 460706

# INTERNATIONAL PLASTICS

MANUF ACTURE

GENERAL CARRIER BAGS
POLYTHENE BAGS
FESTA SHEETS (LIEDNA)

Garage No. 2
Main Road
l/o Tal-Ħandaq
(opposite Liceo Vassalli)

Tel: 445938

# ŻMIEN IL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Hemm ċertu żminijiet matul is-sena li aktar minn żminijiet oħra jiġbdu l-attenzjoni ta' ħafna minna. Ngħidu aħna ż-żmien tal-Milied, iż-żmien tal-festa tal-qaddis tar-raħal. Iż-żmien ta' l-Għid huwa wkoll wieħed minn dawn iż-żminijiet u jekk fi żmien il-Milied it-triqat u l-pjazez jiżżejnu bi dwal sbieħ ġimgħat qabel hekk ukoll il-ġimgħat tar-Randan iħejjuna b'dawl spiritwali għall-misteru kbir ta' l-Għid li jiġbor fih il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu li jsibu l-qofol tagħhom fil-Qawmien glorjuż tiegħu.

L-atmosfera li tinħass qabel din il-Festa hija waħda unika u tinħoloq b'ħafna modi, għax ħafna jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tas-Salib fl-Erbgħa tar-Rmied, bl-istatwa tar-Redentur u b'mod speċjali b'dik tal-Madonna Addolorata li tiġbed eluf ta' nies minn kull xaqliba tar-raħal. Il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira hija magħrufa biżżejjed: għaliha jattendu nies minn kullimkien.

Hemm ukoll ħaġa oħra li żiedet din l-atmosfera f'dawn l-aħħar snin. Infatti l-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Każin Banda San Filep qiegħda dejjem tissebbaħ u titkabbar. Din il-wirja flimkien ma' wirjiet oħra bħalha li jsiru fil-parroċċa tagħna huma element qawwi li jżid din l-atmosfera: biżżejjed nirriflettu fuq l-għadd kbir ta' nies li jżuruhom u dan mhux biss il-Ġimgħa fil-għodu imma anke fil-ġranet ta' qabel.

Huma inizjattivi ta' min jinkoraġġihom għax minkejja li l-ħajja qiegħda ssir dejjem aktar mgħaġġla, in-nies issib ħin biex iżżurhom u tirrifletti fuq il-messaġġ tagħhom.

Il-Każin San Filep għar-raba' sena se jtella' wirja grandjuża u mpressjonanti. Tiġbor fiha tliet swali: dik taċ-Ċenaklu li turi lil Ġesù fl-aħħar ikla awl-il-lejl qabel ma miet ma' l-appostli tiegħu. Hemm is-sala tal-Via Crucis li b'sett ta' vari żgħar ifakkru l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù. Hemm muri sepulkru mmudellat fuq dak tal-Kattidral ta' l-Imdina, kif ukoll Via Sagra, bandalori u ornamenti oħra. Din is-sena f'sala oħra se jiżżanżan xogħol ġdid ta' Alfred Camilleri Cauchi: il-Kruċifissjoni.

**Dun Karm Gatt**
*Direttur Spiritwali*

# PARAMOUNT GARAGES

**257, CONSTITUTION STREET**
**MOSTA**

**MALTA'S LARGEST BUS HIRE FLEET**
**INCLUDING MINI BUSES**
**& CHAUFFEUR DRIVEN CARS.**

## GENERAL HIRE SERVICES

**TEL: 43 20 01 - 41 02 20 - 41 11 93**
**FAX: 41 21 87**

*Ixtri u ffranka mingħand*

# Gauci General Stores

**Il-Belt**

City Gate u Coliseum Arcades

**Birkirkara, Fgura u Mosta**

# Gauci General Stores

għal linef ta' kwalità,

linef fuq stil modern u klassiku

maħdumin fid-deheb, kristall, kromju jew bronż

attrans
inside front cover

*Issetjat u Stampat:* Bestprint Ltd, Qrendi